# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-32 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

32.01 **Talba**

32.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

32.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

32.02.01 Is-S.E. nforma li kien irċieva *email* mingħand il-Kunsillier Zaffarese li nfurmah li minħabba raġunijiet ta' xogħol, ma setax jattendi l-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta unanimament din l-apoloġija.

32.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 31**

32.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 31 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

32.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

32.04.01 Is-Sindku nforma li waqt li laqgħa li kellu flimkien mas-S.E. mas-Sur Mario Fava, huwa talab l-intervent tal-AKL rigward l-użu tal-parkeġġ tal-iskola.

32.04.02 Is-Sindku nforma li uffiċċjali tal-PWD kienu niżlu ġol-ġibjun il-ġdid. Rigward il-*pipe* sabiex il-bdiewa tal-inħawi jkunu jistgħu jieħdu l-ilma, s-Sindku spjega li t-*tender* kienet inħarġet darbtejn iżda ma kienx hemm offerti. Ix-xogħol meħtieġ issa ser isir mill-PWD stess.

32.04.03 Is-Sindku wera sodisfazzjon għal fatt li l-Festival tan-Nar organizzat fir-raħal mill-MTA kien suċċess. Huwa qal li inizjalment kien hemm problema rigward it-tindif però l-għada fil-għodu l-MTA ħadu ħsieb li jsir it-tindif neċessarju.

32.04.04 Rigward il-Festa Nar organizzat mir-Reġjun Nofsinhar ġewwa l-Imqabba fi tmiem din il-ġimgħa, s-Sindku spjega li ma kienx ser ikun hemm għeluq ta' toroq u li l-

*Cleansing Dept*. kienu ser jieħdu ħsieb it-tindif tal-akkwati. Huwa qal ukoll illi sabiex ma jkunx hemm problema ta' parkeġġ fi Triq Xandru Farrugia, kienu ser jitpoġġew tabelli tan-*No Parking* quddiem il-garaxxijiet kif ukoll ser ikun hemm sorveljanza mill-Pulizija.

32.04.05 Is-Sindku spjega li r-*Road Markings* fi Triq Ħal Kirkop kif ukoll fi Triq Xandru Farrugia kienu ser isiru fil-ġranet li ġejjin. Ġie unanimament deċiż li l-kuntrattur jitqabbad sabiex jagħmel *Parking Bays* fis-*side roads* tal-*Bypass*.

32.04.06 Is-Sindku nforma li l-*ash-trays* viċin il-ħwienet/każini tal-Pjazza u ħdejn il-*Club* tal-*Football* kienu weħlu aktar kmieni din il-ġimgħa.

32.04.07 Is-Sindku reġa' semma l-problema li għandna bil-ħamiem u ġie unanimament deċiż li għandu jitqabbad persuna sabiex jaqbad il-ħamiem minn fuq il-bjut sabiex tiġi eliminata l-problema fi Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Knisja.

32.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

32.05.01 Il-Viċi-Sindku ikkumentat dwar ir-risposta li konna rċivejna mingħand id-Dipt. tal-Artijiet dwar il-*Ground* tal-*Football*. Ġie deċiż li nitolbu lil Mqabba FC sabiex iżommu l-grada miftuħa.

32.05.02 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar tappieri li niżlet fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Ġie unanimament deċiż li nerġgħu niktbu lill-WSC kif ukoll li nitolbu lil-IM sabiex din il-parti tat-triq tinbena mill-ġdid.

32.05.03 Il-Kunsillier Dingli semma l-possibilità li l-Kunsill jixtri vettura sabiex tintuża mill-ħaddiema waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Ġie approvat li għandna nesploraw il-possibilità li jsir *leasing* ta' din il-vettura.

32.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kull ħaddiem jistax jiġi assenjat xogħol partikolari. Ġie spjegat li minħabba ċ-ċokon tar-raħal u l-*iskills* tal-ħaddiema, dan mhux possibbli li jkun effettiv.

32.05.05 Il-Kunsillier Dingli semma li residenta kienet infurmatu li kien insteraq *tray* tal-ikel tal-qtates minn ħdejn iċ-Ċimiterju. Il-Kunsill innota li fil-ġejjieni qarib ser ikun hemm CCTV oħra li għandha tkun ta' deterrent għal min ikun ser jagħmel xi ħaġa simili.

32.05.06 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li kien għadu qed jirċievi lmenti dwar riħa ta' drenaġġ fl-inħawi tal-Pjazza. Ġie deċiż li nerġgħu nirreferu l-każ lill-WSC.

32.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-proposta li jsiru *bicycle racks* fil-Pjazza u s-S.E. informa li kien qed jistenna xi *quotations*.

32.05.08 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li għandu jsir tindif tal-ġibjun l-antik u l-akkwati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

***Bi qbil bejn il-membri preżenti, Item 8 fuq l-Aġenda ġie diskuss qabel Item 6.***

32.08 **Jum l-Imqabba 2021**

32.08.01 Is-Sindku nforma li l-Kappillan kien aċċetta li l-Quddiesa ssir fl-1000 ta' fil-għodu. Rigward il-kunċert, is-Sindku issuġġerixxa li dan isir f'Misraħ il-Fidwa jew fil-bidu ta' Triq Karmenu Ciantar, però wara diskussjoni, ġie deċiż li dan isir faċċata tar-Remissa u jkun għal 100 persuna. Peress li mhux prattiku li tinkera tinda, f'każ ta' maltemp il-kunċert għandu jsir fis-sala tal-iskola. Ġie unanimament deċiż ukoll li l-ex-S.E. kif ukoll l-aħħar Ambaxxatur taż-żgħażagħ għandhom jingħataw rikonoxximent tal-ħidma tagħhom.

32.08.02 Ġie unanimament deċiż li ċ-*Chairperson* tal-Bord tal-għażla għal Ġieh l-Imqabba għandu jkun Dr Charles Farrugia u bħala sostitut is-Sur Ray Decelis.

32.08.03 Kien hemm qbil li għandhom isiru xi attivitajiet sportivi għal veterani filwaqt li l-Kunsillier Sciberras jinsab f'taħditiet mal-*Basketball Association* sabiex ikun hemm esebizzjoni tal-basketball is-Sibt fil-għodu.

***Is-Sindku ħalla l-laqgħa fis-6.05 pm minħabba mpenji personali u l-Viċi-Sindku kompliet tippresjedi l-laqgħa.***

32.06 **Ħruġ ta' Offerti**

32.06.01 Is-S.E. informa li fil-ġranet li ġejjin kienu ser jinħargu 3 offerti li huma għas-servizz ta' *Accountant*, għas-servizz ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kif ukoll għall-manutenzjoni tal-Ġonna.

32.06.02 Is-S.E. informa li rigward l-offerta għas-servizz tal-Latrina Pubblika ma kienx hemm appelli u għalhekk l-offerent magħżul kien intalab sabiex jipprovdi l-garanzija bankarja skont il-kuntratt u s-servizz għandu jibda mill-1 ta' Ottubru.

32.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

32.07.01 Ċirkolari 6/2021 mingħand id-DLG dwar l-Elezzjoni għall-Eżekuttiv tal-AKL. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

32.07.02 Ċirkolari SPI/SCI/6/2021 mingħand id-DLG dwar Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021. Ġie deċiż li nkellmu lill-Kunsillier Zaffarese dwar din iċ-ċirkolari.

32.07.03 Ċirkolari AKL 2021/037 mingħand l-AKL dwar *Group Life Policy* – Membri Eletti. Ġie nnotat li l-membri tal-Kunsill huma diġà koperti b'assigurazzjoni oħra.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


32.07.04 Ċirkolari AKL 2021/083 mingħand l-AKL dwar *President's Solidarity Fun Run* 2021. Is-S.E. informa li konna bgħatna r-rotta kif maqbula bejn il-membri u issa ser nistennew aktar struzzjonijiet dwar kif ser jinkitbu l-parteċipanti u l-ġbir tad-donazzjonijiet.

32.07.05 Ċirkolari AKL 2021/084 mingħand l-AKL dwar *CSR Event – Regional & Local Councils*. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

32.07.06 Ċirkolari AKL 2021/088 mingħand l-AKL dwar *World Clean-Up Day 2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

32.07.07 Ċirkolari AKL 2021/91 mingħand l-AKL dwar Ħaddiema RSSL u CWSEF. Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett u ġie deċiż li għandna naraw li l-ħaddiema jirrispettaw il-ħinijiet tagħhom. Il-Viċi-Sindku qalet illi min qed jiffirma l-karti t'attendenza għandu jerfa' r-responsabilita' jekk dawn m'humiex vertira. Dawk preżenti taw delega lis-S.E. sabiex jieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex dawn il-ħinijiet jiġu verament rispettati.

32.07.08 Korrispondenza mingħand il-LESA dwar Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jerġa japplika sabiex isir ir-restawr tal-Isptar il-Qadim.

32.07.09 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar l-ewwel riżultati tar-rondi ta' sorveljanza finanzjati mir-Reġjun. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon ir-riżultati miksuba dwar l-Imqabba.

32.07.10 Korrispondenza mingħand *Sixth Energy Malta* dwar *Local Council Performance Report for Year 2020*. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon ir-riżultati miksuba meta mqabbla mas-sena preċedenti.

32.07.11 Korrispondenza mingħand *Timecare* rigward *diaries* għas-sena d-dieħla. Ġie unanimament deċiż li jiġu ordnati *diaries* għal-Kunsillieri u l-istaff bħas-snin preċedenti.

32.07.12 Ilment mingħand residenta rigward l-istat tat-triq li tieħu lejn Ħal-Millieri. Ġie deċiż li dan l-ilment għandu jiġi nvestigat u fejn huwa possibbli isir it-tindif neċessarju.

**32.09 Sotto-Kumitat Tiżjin**

32.09.01 Ma kienx hemm punti x'jiġu diskussi taħt dan l-*Item*.

**32.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/32**

32.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/32 ġiet approvata unanimament.

32.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Awwissu 2021 ġiet approvata unanimament.

32.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

32.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:50 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 6 ta' Ottubru fil-5:00 pm

Konfermati illum l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |